MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 738/2008

**Advertasia Services Limited (C34775)**

**Vs**

**Mark Brincat f'ismu propju u**
**ghan-nom tas-socjeta` Timberland Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Ottubru 2008, fejn intalab li l-konvenut pro et noe jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€522.25) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut pro et noe iwiegeb ghalihom bil-gurament u

b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut pro et noe ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€522.25) bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba u dawk ta' dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut pro et noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------